MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' April, 2006

Numru 308/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARINT SAMMUT**

**VS**

**SASA KRSTIC**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Sasa Krstic, ta’ 31 sena, bin Jovan u Biljana nee’ Arezina, imwieled nhar is-27 ta’ Mejju, 1974 gewwa r-Repubblika tas-Serbia, u residenti f’Malta gewwa Flat 2A, Sheldon Court, Gwardamangia Hill, tal-Pieta’, u detentur tal-passaport li jgib in-numru 005032768 mahrug mir-Repubblika tas-Serbia;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Marzu, u l-1 ta’ April, 2006 gewwa San Giljan, b’diversi atti

maghmulin anke jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' *handbag*, oggetti kosmetici, telefon cellulari tal-marka *Nokia*, Lm5.00 (hames liri maltin) fi flus kontanti, kamera digitali tal-marka *HP* u dokumenti personali minn gewwa l-*Havana Bar* ghad-dannu ta' Hayley Marshall, liema oggetti jiswew aktar minn mitt lira maltin (Lm100.00) izda inqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00) liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont u bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 267, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkommetta serq ta' kartiera, cwievet, telefon cellulari tal-marka *Nokia* u dokumenti personali minn gewwa *Footloose Bar* ghad-dannu ta' Serena Facchin, liema oggetti jiswew inqas minn mitt lira maltin (Lm100.00) liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont u bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka *Nokia* minn gewwa l-*Bar Native* ghad-dannu ta' Gu Joung Jang, liema oggetti jiswew inqas minn mitt lira maltin (Lm100.00), liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kkommetta serq ta' basket, oggetti kosmetici u telefon cellulari tal-marka *Sony,* minn gewwa l-*Bar Native* ghad-dannu ta' Jiny Ryu, liema oggetti jiswew inqas minn mitt lira maltin (Lm100.00), liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli kkommetta serq ta' gakketta u MP3 player tal-marka *iriver* minn gewwa l-*Bar Native* ghad-dannu ta' Jin Woo Choi, liema oggetti jiswew inqas minn mitt lira maltin (Lm100.00), liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 268 u 270 tal-Kapitolu 9 ta-Ligijiet ta' Malta;

6. U fl-ahharnett talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehdua b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268 u 270u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu, l-istess imputat ikkonfermaha.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi Sasas Krstic hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sena (1), sospiza ghal sentejn (2), *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------